MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**GEOFFREY VALENZIA**

**ONOR. IMHALLEF**
**GIANNINO CARUANA DEMAJO**

Seduta tat-3 ta' Frar, 2012

Appell Civili Numru. 216/2011/1

**John Spiteri**
***versus***
**Caroline Spiteri**

1. Dan huwa appell ta' Caroline Spiteri minn dikriet li awtorizza lil żewġha John Spiteri jipproċedi għall-firda personali wara li ngħalqu proċeduri ta' medjazzjoni.

2. Il-fatti relevanti seħħew hekk. L-appellanti kienet fetħet kawża kontra l-appellat għall-firda personali minħabba raġunijiet li għalihom jaħti l-appellat. L-appellat kien baqa' kontumaċi f'dik il-kawża. Sussegwentement, l-appellat ukoll b'ittra tat-3 ta' Marzu 2011 lir-Reġistratur tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), Sezzjoni Familja, talab illi

ssir medjazzjoni sabiex, jekk jista' jkun, jintlaħaq ftehim bejn il-partijiet u, fin-nuqqas, illi l-qorti tawtorizzah jiftaħ kawża kontra martu l-appellanti għall-firda personali minħabba adulterju tagħha. Wara li l-medjazzjoni ngħalqet bla ma ntlaħaq ftehim, il-qorti b'dikriet tal-4 ta' Mejju 2011 awtorizzat lill-appellat jipproċedi b'kawża għall-firda personali.

3. B'rikors tas-6 ta' Mejju 2011 l-appellanti talbet illi tingħata permess taħt l-art. 299(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili sabiex tappella mid-dikriet tal-4 ta' Mejju 2011, u l-qorti tatha dak il-permess b'dikriet tat-28 ta' Ġunju 2011.

4. B'rikors tal-11 ta' Lulju 2011 l-appellanti ressqet dan l-appell tallum kontra d-dikriet tal-4 ta' Mejju 2011. L-aggravji tagħha huma tnejn:

5. L-ewwel aggravju huwa l-eċċezzjoni ta' *lis alibi pendens* għax l-appellanti tgħid illi b'awtorizzazzjoni mogħtija mill-ewwel qorti sejra "terġa' tiġi preżentata kawża fuq meritu identiku għal kawża oħra ġà pendenti bejn l-istess partijiet". Kompliet tfisser dan l-aggravju hekk:

«… … … dak li għandha tevalwa l-qorti huwa jekk il-kawża l-ġdida għandhiex l-elementi segwenti identiċi għal dawk tal-kawża diġà pendenti, u *cioè* (i) il-persuni (*eædem personæ*); (ii) is-suggett (*eadem res*); u (iii) n-natura tal-kawża (*eadem causa petendi*).

«Fil-fehma tal-esponenti, ma hemmx dubju li dawn it-tliet rekwiżiti kollha jikkonkorru fil-każ odjern. Il-partijiet ta' din il-kawża huma l-istess partijiet tal-kawża fl-ismijiet inversi bin-numru 184/2000. Is-suggett taż-żewġ kawżi huwa s-separazzjoni personali ta' bejn il-kontendenti. Il-*causa petendi* hija wkoll identika fiż-żewġ kawżi. U dak li qed jiġi mitlub li jiġi diskuss bil-kawża l-ġdida ta' John Spiteri huwa dak kollu li ġie diskuss jew seta' jiġi diskuss fil-kawża 184/2000. Fi kliem ieħor l-eżerċizzju f'din il-proċedura huwa identiku għal dak fil-kawża l-oħra.

«… … …

«F'din il-kawża, [l-attur] reġa' għal darb'oħra għamel talba, sabiex (i) tiġi dikjarata s-separazzjoni personali bejnu u bejn martu u sabiex tiġi likwidata u diviża l-komunjoni tal-akkwisti ta' bejn il-partijiet; u (ii) talab ukoll li jiġi dikjarat li s-separazzjoni seħħet tort ta' martu Caroline Spiteri.

«Issa fiċ-ċitazzjoni bin-numru 184/2000PC, ġà ġiet ampjament trattata l-kwistjoni ta' likwidazzjoni u diviżjoni tal-komunjoni tal-akkwisti kif ukoll ġà tressqu provi dwar is-separazzjoni personali ta' bejn il-partijiet u r-responsabbilità *o meno* tal-partijiet. *Inoltre*, jekk John Spiteri ried li jiġi dikjarat li s-separazzjoni seħħet tort tal-esponenti, din hija kwistjoni li seta' jew messu qajjimha fil-kawża oriġinali. Da parti tiegħu, John Spiteri ma jistax jipprova jiġġustifika l-atteġġjament tiegħu billi jsostni li l-proċedura li ntavola kienet tittratta kwistjonijiet ġodda li qatt ma tqajjmu fil-kawża bin-numru 184/2000PC. F'din il-proċedura odjerna, preċiżament fl-istess ittra għall-medjazzjoni, John Spiteri ddikjara illi l-allegat adulterju eżerċitat minn martu kien jeżisti sa minn meta l-partijiet kienu għadhom jikkoabitaw. *Inoltre*, fl-istess ċitazzjoni bin-numru 184/2000PC, il-konvenut kien ġà ressaq xi provi dwar dan l-allegat adulterju … … …

«Dan kollu jerġa' jikkonferma li r-rekwiżiti kollha pertinenti għall-applikazzjoni ta' *lis alibi pendens* huma preżenti f'din il-vertenza u għaldaqstant l-ewwel qorti kienet skorretta meta awtorizzat lil John Spiteri jipproċedi b'kawża oħra għal separazzjoni personali ta' bejn il-partijiet. »

6. Fit-tieni aggravju l-appellanti tgħid illi l-proċedura mibdija mill-appellat hija abbuż tal-proċess ġudizzjarju, għax hija maħsuba biex l-appellat jaħrab il-konsegwenzi tal-kontumaċja tiegħu fl-ewwel kawża. Dan l-aggravju ġie mfisser hekk:

«… … … il-motivazzjoni wara din il-proċedura hija waħda illegali u ma għandha tiġi tollerata minn ebda qorti. Għandu jiġi spjegat li fil-kawża ta' separazzjoni personali bin-numru 184/2000, John Spiteri ma kienx irrisponda għal din il-kawża, għalkemm dan il-fatt ġie osservat ftit żmien ilu fi stadju avvanzat tal-kawża u wara li l-istess konvenut kien ippreżenta varji xhieda fl-istess mori.

… … …

Kien biss in vista ta' dan in-nuqqas tiegħu li ma ppreżentax risposta fl-atti tal-kawża bin-numru 184/2000PC illi John Spiteri ppreżenta din l-ittra għal medjazzjoni. Għalhekk, din l-ittra ma tikkonsisti f'xejn ħlief tentativ biex John Spiteri jipprova jostakola l-kors tal-kawża bin-numru 184/2000 kif ukoll sabiex isib mezz kif

jagħmel tajjeb għan-nuqqas tiegħu li ma ppreżentax risposta fl-atti ta' dik il-kawża.
Illi ċertament tali aġir ma jistax jiġi tollerat peress li r-regoli ta' proċedura ċivili għandhom jiġu osservati u mhux injorati, hekk kif qed jipprova jagħmel John Spiteri bl-introduzzjoni ta' din il-proċedura ġdida. In-nuqqas ta' John Spiteri li jirrispondi għall-kawża u jieħu sehem attiv fl-istess kawża ma jistax jiġi sanat billi f'dan l-istadju jaqbad u jippreżenta proċedura identika li tittratta l-istess mertu bħalma tittratta l-kawża bin-numru 184/2000PC. Jekk tali sitwazzjoni tiġi tollerata, naslu fis-sitwazzjoni assurda u ridikola li kull min ikun kontumaċi jew jonqos li jieħu l-azzjoni kompetenti għalih fl-atti ta' kawża ppreżentata kontra tiegħu, joqgħod sussegwentement jiftaħ kawżi oħra li jittrattaw l-istess mertu u b'hekk ikun qed jagħmel tajjeb għall-kontumaċja tiegħu.»

7. L-appellat wieġeb fit-8 t'Awissu 2011 u fisser għala, fil-fehma tiegħu, l-appell għandu jiġi miċħud. Osserva, qabel, xejn illi l-ewwel qorti ma kellha ebda diskrezzjoni tiċħadx jew tagħtix l-awtorizzazzjoni meta tkun mgħarrfa illi l-medjazzjoni ngħalqet għax hija marbuta bil-liġi li tagħti dik l-awtorizzazzjoni:

«… … … huwa ovvju u manifest illi l-ewwel qorti onorabbli m'għandha l-ebda jedd jew diskrezzjoni f'dawn il-każijiet u hija obbligata bil-liġi illi tagħti l-awtorizzazzjoni sabiex tiġi intavolata kawża kontenzjuża għal separazzjoni personali wara n-notament tal-medjatriċi u għaldaqstant l-awtorizzazzjoni mogħtija mill-qorti fl-4 ta' Mejju 2011 f'dan il-każ ma hija xejn għajr konformità mal-proċedura rikjesta mil-liġi u mhux talli hija deċiżjoni korretta iżda hija deċiżjoni li ma tistax tigi varjata fin-negattiv.»

8. Dwar l-agravju ta' *lis alibi pendens* l-appellat jargumenta, effettivament, illi ma hemmx *eadem causa petendi* għax il-proċeduri li jrid jibda hu huma msejsa fuq il-pretensjoni tiegħu li "Caroline Spiteri kellha relazzjoni *extra*-maritali kemm waqt li l-partijiet kienu għadhom jikkoabitaw u anke wara u għalhekk iddekadiet għad-dritt tagħha ta' dak kollu ikkontemplat fl-artt. 48 *et seqq.* tal-Kap. 16 tal-Liġiiet ta' Malta". Igħid ukoll illi:

«… … … l-liġi stess taħt l-artikoli 792, 793 u 794 tal-Kap 12 tikkontempla proprju każijiet li jiġu intavolati u li għandhom l-istess natura u li l-eżitu ta' wieħed jista'

jaffettwa l-eżitu tal-każ l-ieħor. Kieku l-argument kemmxejn oskur tal-appellanti jreġi ma kienx ikun hemm skop għal dawn l-artikoli iżda ried ikun hemm proviżjoni [*recte*, provvediment] *ad hoc* li tipprojbixxi kawżi ta' dan it-tip. Il-każistika miġjuba mil-appellanti fl-appell, bl-akbar rispett, lanqas ma jagħtu solljev lill-argument tagħha, iżda kollha juru biss l-obbligu tal-qorti tat-tieni kawża biex tissoprassjedi u tgħaddi l-kawża lill-ewwel qorti meta l-elementi li huma dawk identiċi bħal dawk tar-*res judicata* jkunu identifikati.»

9. Dwar it-tieni aggravju l-attur ma jgħid xejn.

10. Fil-fehma ta' din il-qorti l-appell ma jistħoqqlux illi jintlaqa'. Qabel xejn huwa prematur għall-appellanti li tressaq eċċezzjoni ta' *lis alibi pendens* qabel ma nbdiet il-kawża u l-kawżali, għalkemm hemm indikazzjoni tagħhom, kienu għadhom ma humiex preċiżati. Aktar kien ikun korrett illi l-eċċezzjoni titressaq fl-atti tal-kawża stess. Barra minn hekk, l-indikazzjoni hija illi l-kawżali huma msejsa fuq ħtija tal-appellanti stess, li ċertament ma hijiex il-kawżali tal-azzjoni mibdija mill-appellanti.

11. Ma huwiex kontestat illi l-appellat seta' mexxa b'rikonvenzjoni fil-kawża mibdija minn martu, u f'dak il-każ kien ikun hemm żewġ kawżi mexjin flimkien, bħal ma sejjer jiġri fil-każ tallum jekk u meta l-appellat jiftaħ il-kawża tiegħu. Il-fatt illi ma għamilx kontro-talba ma jfissirx illi ma jistax jiftaħ kawża oħra, għax min jonqos li jagħmel talba b'rikonvenzjoni ma huwiex miżmum mill-jagħmel dik it-talba b'kawża li jibda hu.

12. Fl-aħħar nett, il-konsegwenza tal-*litis pendentia* ma hijiex dik illi t-tieni kawża tinżamm milli ssir, iżda illi ż-żewġ kawżi jinstemgħu flimkien, kif igħid u jrid l-art. 792 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.

13. Għalhekk meta l-appellat talab illi jingħata l-awtorizzazzjoni biex jiftaħ kawża ma kienx qiegħed jabbuża mill-proċess ġudizzjarju iżda kien qiegħed jinqeda bil-jedd tiegħu li jitlob il-firda personali għal raġuni – jew *causa petendi* – differenti minn dik li għaliha talbet il-firda l-appellanti. It-tieni aggravju wkoll għalhekk huwa ħażin.

14. Għal dawn ir-raġunijiet il-qorti tiċħad l-appell u tikkundanna lill-appellanti tħallas l-ispejjeż ta' dan l-episodju.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------